**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz numru 464/2021**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Trevor Micallef)**

**vs.**

**Omissis**

**U**

**Joseph Muscat**

Illum il- ta' Settembru 2022

Il Qorti:

Rat illi tressaq Joseph Muscat, iben Anthony u Josephine nee' Calleja, imwieled Pieta' nhar it-08 ta' Marzu 1987, residenti 178, Catherine, Triq Francesco Buhagiar, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita 132387(M) akkuzat talli:

Minghajr il-hsieb li joqtol jew qieghed l-hajja fil-periklu car, ikkagunajt ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Gilmore Cachia(Art 216(1)(b) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.)

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirtu l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied (Art 338(dd) Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Akkuzat aktar talli fl istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjajt jew heddit lil Gilmore Cachia (Art. 339 (1)(e) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta).

Akkuzat talli rrenda ruhhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b`sentenzi mogħtija lilhom mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi gew decizi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta` Gilmore Cachia u Teresa Cachia jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hatja b' obbligazzjoni taghha innifisa taht penali ta' flus li tigi iffisata mill-Qorti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttrattata bi proceduri sommarji.[1]

Rat li meta sar l-ezami ta' l-imputat skond l-artikolu 392(2) tal-Kodici Kriminali, nhar il-11 ta' Jannar 2016 l-imputat iddikjara li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.[2]

Rat illi l-prosekuzzjoni iddikjarat il-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa nhar it-18 ta' Dicembru 2017.[3]

---

[1] Folio 29 ta' l-atti processwali
[2] Folio 34-35 ta' l-atti processwali
[3] Folio 79 ta' l-atti processwali

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi presjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[4]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw bis-sottomissjonjiet fl-udjenza ta' l-10 ta' Mejju 2022[5]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz irrizulta meta gie rraportat li l-imputat flimkien ma persuni ohra ikkaguna griehi gravi fuq il-persuna ta' Gilmore Cachia meta attakkah u sawtu waqt li kien qed jipprova jahrab minnu u nies ohra mieghu.

**Ikkunsidrat**

**Provi mressqin**

[4] Folio 107-112 ta' l-atti processwali
[5] Folio 147 ta' l-atti processwali

Illi l-pulizija esebiet l-okkorenza[6] tal-pulizija bir-referenza NPS/6A/N/4041/2015 li gie ikkonfermat minn PS 845 Ian Vella waqt ix-xhieda tieghu.[7]

Fl-istess rapport, l-vittma u ommu Teresa Cachia jiddeskrivu l-incident li kien sehh fejn irrizulta li l-imputat flimkien ma' persuni ohra waqfu lil Gilmore Cachia u ppruvaw ikaxkruh gewwa l-vettura taghhom sabiex ituh xeba. Il-vittma irnexxilu jiskapphom izda fil-mori tal-incident qattaghlu hwejjgu tant li gie gharwien u kisrulu idejh. Illi dan gie wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' l-Ispettur (dak iz-zmien) Trevor Micallef.[8]

Il-vittma u ommu Theresa Cachia semmew lill-imputat bhala persuna prezenti li kien ippartecipa f'dan l-attakk.

*"Dak il-hin Jordan beda ikellimni u f'daqqa wahda giet vettura Citroen ta' kulur iswed li hija ta' ohtu u niezlu zewg persuni ohra wiehed bl-isem ta' Joseph Muscat u persuna ta' karnaggon skura li ma nafx x'jisimha u Jordan dak il-hin qalli sabiex nidhol fil-karozza. Jien dak il-hin bzajt u bdejt nirezisti mill-nidhol fil-karozza u t-tlett persuni imbaghad qabdu jtuni. Jien bdejt nghajjat u inwerzaq u anki qattawli il-hwejjeg tant illi spiccajt gharwien."*[9]

Illi waqt ix-xhieda ta' Theresa Cachia[10] hi tikkonferma li kienet tkelmet ma Jordan Azzopardi fejn kien qalilha li kien hu li kien ta x-xebgha lil binha Gilmore Cachia. Waqt ix-xhieda taghmel referenza ghal persuni ohra prezenti li wkoll kienu ppartecipaw fix-xebgha li qala binha. Madankollu ma identifikatx lill-imputat bhala wiehed mill-persuni involuti fil-glieda.

[6] Folio 11-16 ta' l-atti processwali
[7] Folio 49-51 ta' l-atti processwali
[8] Folio 53 ta' l-atti processwali
[9] Folio 14 ta' l-atti processwali
[10] Folio 79-83 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' Gilmore Cachia[11] irrizulta li l-imputat kien prezenti flimkien ma' Jordan Azzopardi u persuni ohra maghhom. Ix-xhud itenni li l-imputat beda jaghtieh u prova itellghu fil-karozza.

*"U qabdu jtuni, riedu jtellghuni go karozza biex jaqbdu jtuni u jien mhux tifel merhi. Ma hallejthomx itellghuni fil-karozza u. Issa dawn riedu jtellghuni fil-karozza. Min jaf x'kienu se jaghmlu bija u hrabtilhom u mort l-Ghassa u."*

Jispjega wkoll li filwaqt li Jordan Azzopardi avvicinah bil-pass, l-imputat avvincah bil-karozza. Ix-xhud jirrepeti u jghid b'mod car li l-imputat kien qed isawwtu flimkien ma Jordan Azzopardi u bdew jippruvaw idahhlu gol-karozza taghhom.

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku a favur Gilmour Cachia mahrug mill-Isptar Mater Dei nhar is-17 ta' Gunju 2015 fil-hin ta' l-erba' u ghoxrin wara nofs in-nhar fejn jinghad li l-vittma kien allegatament qala xeba u soffra griehi gravi per durata.[12] Illi dan ic-certifikat gie ikkonfermat mit-tabib Dr. Moses Camilleri.[13] Waqt ix-xhieda tieghu ikkonferma li l-vittma stqarr mieghu li kien allegatament gie imsawwat.

**Ikkunsidrat**

Persuna ohra li kien prezenti u involut fil-glieda Jordan Azzopardi cahad li l-imputat kien involut fil-glieda.

*"Nixtieq nghid wkoll illi dak il-hin kien hemm Joseph u habib iehor ta' karnagon skur li ma nafx ezattament x'jismu minhabba li biss nafu l-habs izda dawn in-nies ma kienux involuti fl-argument."*[14]

[11] Folio 86-96 ta' l-atti processwali
[12] Folio 17 ta' l-atti processwali
[13] Folio 41-43 ta' l-atti processwali
[14] Folio 15 ta' l-atti processwali

Fl-istess rapport hemm il-verzjoni ta' l-imputat fejn hu stqarr li l-involviment tieghu kien sabiex jifred lil Gilmore Cachia minn ma' Jordan Azzopardi li dak il-hin kienu qed jiggieldu.

*"Imbaghad rajt lil Jordan u lil Gilmore jinqadu go xulxin u jien mort sabiex inzomm lil Jordan u rajt lil Gilmore jidhol taht Pajero abjad. Wara tlaqna l'hemm."*[15]

Mill-istqarrija ta' Jordan Azzopardi li saret nhar it-18 ta' Gunju 2015 fl-ufficju ta' l-Ispettur (dak iz-zmien) Trevor Micallef u li saret wara li nghata s-soliti drittijiet u li ghazel li jiffirma, Jordan Azzopardi kien zvela r-raguni ghalfejn kellu xi jghid ma Gilmore Cachia. Fl-istess stqarrija Jordan Azzopardi jezonera lil imputat u jghid li hu ma kellux x'jaqsam fix-xeba li qala Gilmore Cachia.

*"…hareg Joseph biex izommni u hargu in-nies u waqaft. L-iswed lanqas biss resaq lejh. Joseph setgha imbuttana biex jiseparana."*[16]

Illi jirrizulta wkoll li Jordan Azzopardi fil-mori tas-smiegh ta' din il-kawza kien volontarjament ammetta ghall-akkuzi mahruga kontrih relatati ma' dan l-incident u kienet inghatat sentenza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-30 ta' Novembru 2021.

Mill-istqarrija ta' l-imputat li ttiehdet nhar it-18 ta' Gunju 2015 gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur (dak iz-zmien) Trevor Micallef, li saret wara li nghata s-soliti drittijiet u li ghazel li jiffirma jirrizulta li l-imputat kien prezenti ghall-glieda li saret bejn Jordan Azzopardi u Gilmore Cachia.

L-imputat spejga li waqt li kien gewwa l-karozza ta' Jordan ra lil Jordan Azzopardi u Gilmore Cachia jiggieldu fit-triq. L-imputat hareg sabiex jifridhom.

[15] Folio 15 ta' l-atti processwali
[16] Folio 19 ta' l-atti processwali

*"Jiena hrigt mill-karozza u pruvajt inzomm lil Jordan, dan waqa fuqi u Gilmore dahal taht Pajero, Jordan qabdu minn siequ u ipprova johorgu minn tahtu u jiena ergajt mort fuq Jordan u gbittu biex imorru 'l hemm. Jiena lil Gilmore lanqas biss missejtu u jiena biss hrigt minn gol-karozza…"*[17]

**Ikkunsidrat**

Illi m'hemmx dubju li f'dan il-kaz il-parte civile kien spicca imsawwat serjament u b'mod gravi fil-pubbliku u dan mhuwiex ikkontestat mill-partijiet. Irrizulta wkoll li Jordan Azzopardi kien irregistra ammissjoni ghal-partecipazzjoni tieghu fl-incident u inghata sentenza.

Il-kontestazzjoni f'dan il-kaz huwa dwar l-involviment ta' l-imputat, jekk inhu l-kaz. Il-vittma Gilmore Cachia itenni li l-imputat kien wiehed mill-persuni li sawtu. Minn naha l-ohra l-imputat jinnega li dak kien l-involviment tieghu u li hu semplicement ma biex jifraqhom. Illi Jordan Azzopardi jikorrobora dan u fl-istqarrija tieghu tenna li l-imputat ma kellu ebda sehem fl-incident u li ma sabiex jifridhom.

Illi ghalhekk irrizulta kunflitt ta' verzjonijiet li jikkontrastaw b'verzjonijiet differenti. Faccata b'din is-sitwazzjoni din il-Qorti trid tevalwa jekk hemmx xi provi ohra li jistghu jaghtu piz lejn verzjoni jew ohra. Jirrizulta li meta gara dan l-incident kien hemm persuna ta' karnagjon skur prezenti (u li setgha kien anke involut fis-swat), kif ukoll persuna ohra Tony. Illi dan il-persuna kien, mid-dehra prezenti, ghaliex, il-vittma stqarr li kien mar jarrah.

*"Jien mort fejn habib tieghi Ta' Giorni. Fi x'hin waqaft fejh"*[18]

Madankollu dan il-persuna ma tressaqx il-Qorti sabiex jaghti x-xhieda tieghu. Illi l-verzjoni tieghu setghet tigi kkunsidrata bhala verzjoni independenti u

[17] Folio 23 ta' l-atti processwali
[18] Folio 86 ta' l-atti processwali

setghet titfa dawl fuq l-incident kif sehh. Madankollu fin-nuqqas li l-prosekuzzjoni ressqet dan ix-xhud, din il-Qorti giet imcahhda milli jkollha provi ohra li setghu jiccaraw jew jistabilixxu l-verzjoni fattwali.

Illi l-Qorti gie ffrontata b'zewg verzjoni li jikkuntrastjaw – il-verzjoni tal-vittma li biha jitfa r-responsabilita shiha fuq l-imputat, u l-verzjoni ta' l-imputat li biha jghid li qatt ma kellu involvivment ikorroborata minn persuna li kien ammetta ghall-akkuzi relatati ma dan il-kaz.

Il-Qorti rinfacjata b'dawn iz-zewg verzjonijiet trid dejjem timxi fuq dak li tipprovdi l-ligi bhala l-grad tal-prova.

Il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova sal-grad rikjest mil-ligi kemm l-element materjali kif ukoll dak formali tar-reati in ezami. Dan ma jfissirx li l-prosekuzzjoni ghandha tipprova l-elementi kostituttivi tar-reati mertu tal-imputazzjoni sal-grad tac-certezza assoluta, izda dejjem sal-grad lil hinn minn kull dubju ragonevoli.

Fis-sentenza **Pulizija vs Marco Farrugia, Kevin Galea u Marcel Mizzi**[19], ghalkemm fuq reat differenti, il-Qorti tal-Appell tghallem hekk:

> *"Issa, pero', gja' la darba huwa necessarju li sabiex ikun hemm dan id-delitt, <u>bhal kull delitt iehor, mhux bizzejjed li jigi pruvat l-element materjali biss, izda l-prosekuzzjoni trid tipprova, lil hin minn kull dubju ragjonevoli, li kien jezisti fl-istess hin li qed isir l-att materjali, l-element tal-mens rea, l-element formali</u>, il-Qorti trid tara jekk in bazi tal-provi li l-ewwel Qorti kellha quddiemha u li apprezzat, setghetx legittimament u ragjonevolment tasal ukoll ghall-konkluzjoni li t-tlett appellanti, jew min minnhom anke separatament, intenzjonalment jew volontarjament ghamlu dak l-att materjali li wassal ghar-reat jew reati in kwistjoni, jew jekk fizikament ma ghamluhx huma, ghall-anqas*

[19] Appell Kriminali (Inferjuri) 284/2000 PV; 31.05.2001

*setghux mic-cirkostanzi ragjonevolment ikunu jafu li qed issir dik l-attivita' fil-hanut in kwistjoni li jappartjeni ghas-socjeta' li huma d-diretturi taghha, u, b'dan kollu,* ***ghalkemm kienu konsapevoli ta' dan, jew setghu ragjonevolment ikunu konsapevoli ta' dan, ma ghamlu xejn sabiex jwaqqfu dik l-attivita'****. Fi ftit kliem, din il-Qorti trid tara jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel hi, liema ezercizzju ma taghmlux sabiex tissostitwixxi dak li ghamlet l-ewwel Qorti, in bazi ta' dawk il-provi, setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment u legalment tasal sabiex tikkonkludi li t-tlett appellanti, jew min minnhom, kellu din il-konsapevolezza, din l-intenzjoni kriminuza tant rikjesta, apparti l-aspett materjali."*

*"Sabiex wiehed ikun sodisfatt li dan l-element formali kien jezisti fit-tlett appellanti, jew f'xi hadd minnhom, il-Prosekuzzjoni* ***ghandha l-oneru li tipprova sal-grad tal-konvinciment morali li l-appellanti, jew min minnhom, kienu ben konxji li qed issir dak ...[ir-reat]... u, b'dan kollu, ikkonkorrew u ghenu fil-ksur tal-ligi billi hallewh isir.****"*

Oltre dan il-htija tirrizulta meta mill-provi tkun tirrizulta l-istess htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kawza **Pulizija vs Paolo Farrugia** huwa risaput li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti"*[20] u li, bhala principju fondamentali tal-process gudizzjarju fil-kamp penali, il-provi migjuba jridu jwasslu ghal sejbien ta' htija minghajr dubju dettat mir-raguni, *"u jekk jezisti dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat"*.[21]

Illi fil-kaz **Pulizija vs Lans John**[22] gie ritenut li *"fil-kamp penali kull dubju dettat mir-raguni ghandu dejjem imur favur l-imputat"*.

---

[20] Appell Kriminali (inferhuri), 1.8.1959

[21] Vide f'dan is-sens (**Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena** (Appell Kriminali (Superjuri) 5.12.2012; u **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**, (Appell Kriminali (Superjuri) 5.7.2002.

[22] Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali) deciza 21/2/2002

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[23] ghamlet ukoll riferenza ghall-ispjegazzjoni tal-espressjoni *"beyond reasonable doubt"* moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension (1974 – ALL Er 372):** *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Joseph Muscat**[24]

> *'Illi l-prosekuzzjoni ghadnha l-obbligu li tipprova il-kaz taghha lil hin min kul dubbju dettat mir-raguni. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-*
>
> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*
>
> *Jinghad f'dan l-istadju li l-imputat mhux tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' beyond reasonable doubt would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but*

[23] deciz 5/12/1997

[24] deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' April 2017

*not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."'*

Il-Qrati taghna jikkonkludu li l-istess jghodd ukoll ghal provi indizjarji. Anke dawn ghandhom iwasslu ghal prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghalhekk, sabiex tinstab htija fil-kamp penali, ma hemmx il-htiega li l-provi jkunu biss dawk diretti izda, anke meta ma jkunux, il-prosekuzzjoni trid dejjem tipprova l-kaz taghha sal-grad mehtieg. Ghalhekk, sabiex tinstab il-htija, provi indizzjarji jridu jkunu univoci u jwasslu ghall-konluzjoni wahda biss u cioe' il-htija.

Kif jinghad fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Joseph Busuttil) vs Rupert Buttigieg** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-11 ta' Lulju 2019):

*"Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader' hemm referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952] AC 480, 489.*

*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

*Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:*

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics.*

*Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir- reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.*

*Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha minn dejjem, kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha specjalment dawk li xehdu in kontro-ezami."*

B'hekk isegwi li jekk il-provi jistghu iwasslu ghal aktar minn konkluzjoni wahda, u jpoggu lill-Qorti f'salib it-toroq, tali provi ma jistghux jitqiesu bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex iwasslu ghall-htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Dwar dan, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) (Spettur Ramon Mercieca) Vs Omissis, Kenneth Borg**[25] fejn gie kkunsidrat:

*"12. Illi dawn id-divergenzi kollha qatt ma setghu iwasslu ghall- konkluzzjoni li kien hemm ftehim komuni bejn Caruana u l- appellant sabiex issir din is-serqa. L-ewwel Qorti sabet li kien hemm prova wahda diretta konsistenti filli Caruana ghaddiet ic-curkett lill- appellant. Dan wahdu ma ghandux ikun kondicenti ghal*

[25] Deciza Appell Kriminali 27/3/2017

*sejbien ta' htija tant illi l-Qorti strahet fuq il-provi indizzjarji. Opportunement ikun mfakkar izda illi l-provi indizzjarji jew hekk imsejjha cirkostanzjali huma biss ta' siwi meta jkunu univoci u jippuntaw f'direzzjoni wahda. Fil-kaz odjern, dawn l-indizzji huma karenti minn din il-kwalita u konsegwentement ma thossx, din il-Qorti, li setghet ragjonevolment u legalment tinstab htija fl-appellant mill- Qorti tal-ewwel grad;"*

Anke fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Neil Harrison Vs Simeon Nicholas Sultana**[26] gie kkunsidrat:

*'Illi in vena legali l-Qorti tosserva li sabiex il-prova indizzjarja twassal ghas-sejbien ta' hitja, trid tkun* ***cara u univoka*** *fis-sens li twassal* ***necessarjament,*** *u f'kuntest ta' dak li hu* ***ragjonevoli****, ghall-htija tal-imputat. Fi kliem iehor, l-elementi ta' prova kostitwenti l- prova indizzjarja jridu jkunu bazati fuq* ***cirkostanzi provati li, interpretati b' mod ragjonevoli, ma jistghux iwasslu ghal konkluzjoni ohra ghajr dik tas-sejbien ta' htija****. Multo magis meta din tkun l-unika prova li fuqha l-prosekuzjoni qeda isserrah il- kaz taghha. F' kaz li l-elementi ta' prova jistghu ragjonevolment jwasslu ghal konkluzjoni li ma tkunx is-sebien ta' htija, allura ghandha tapplika l-massima 'in dubbio pro reo' u cioe' li dan id-dubbju ragjonevoli ghandu jmur favur l-imputat.'*

Illi wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjoni imressaq kontra l-imputat u sejra taghddi sabiex ma ssibx htija dwarhom.

[26] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' gudikatura kriminali fl-1 ta' Novembru 2001

Ghaldaqstant, fuq nuqqas ta' provi din il-Qoti tqis li in vista li ma hemmx provi ohra sal-grad rikjest mill-ligi, dawn il-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati. In vista ta' dan il-Qorti tastjeni milli taghmel l-evalwazzjoni taghha ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva li tiddependi fuq sejbien ta' htija ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 216(1)(b), 338(dd), 339(1)(e), 49, 50 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Joseph Muscat **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija dwarhom, filwaqt li tastejni milli tikkunsidra l-addebita tar-recidiva stante l-liberatorja dwar l-ewwel tlett imputazzjonijiet.

**Moghtija illum nhar il-  ta' Settembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**